# ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

## FESTA TA' KRISTU RE

Il-festa liturġika ta' Kristu Re din is-sena se tiġi ċċelebrata nhar il-Ħadd 26 ta' Novembru 2017. Se jkun hemm ċelebrazzjoni tal-Għasar li tibda fil-5 p.m. u li titmexxa minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera. Wara jkun hemm diskors tal-Arċisqof.

Fis-6.30 pm ikun hemm quddiesa fl-istess post fejn issir iċ-ċelebrazzjoni, jiġifieri fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera.

Mons. Arċisqof iħeġġeġ lil dawk kollha li jistgħu biex jieħdu sehem.

Mons. Arċisqof irid ukoll li, bi tħejjija għal dan l-avveniment, fil-knejjes kollha tal-Arċidjoċesi fejn tinżamm l-Ewkaristija ssir adorazzjoni nhar il-Ħamis 23 ta' Novembru 2017.

## L-ASSEMBLEA DJOĊESANA

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Novembru filgħaxija, u s-Sibt, 25 ta' Novembru filgħodu, se tiltaqa' l-Assemblea Djoċesana bit-tema 'L-Evanġelizzazzjoni u d-Djakonija. Lejn Pjan Pastorali għall-Arċidjoċesi'. F'din l-Assemblea, flimkien mal-Arċisqof, jiltaqgħu rappreżentanti tal-oqsma differenti tal-Knisja f'Malta. Nitolbu biex l-Assemblea Djoċesana tħalli l-frott fil-ħidma pastorali tal-Knisja f'Malta.

## ĠABRA GĦALL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

Bħal kull sena, il-Knisja qiegħda tappella għall-ġenerożità tal-membri tagħha biex jgħinuha tipprovdi l-mezzi finanzjarji biex l-iskejjel tal-Knisja f'Malta jkunu jistgħu jkomplu jaqdu u jġibu 'l quddiem il-missjoni tagħhom ta' edukazzjoni ta' eluf ta' tfal u żgħażagħ.

Għal dan il-għan, il-ġbir kollu li jsir fil-quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 18 u 19 ta' Novembru, se jmur għall-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 10 ta' Novembru 2017.

Lawrence Gatt
Kanċillier

Joseph Galea Curmi
Vigarju Ġenerali

(Nota: Il-flus għall-iskejjel tal-Knisja għandhom jiġu mgħoddija lis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, 16, Triq il-Mall, il-Furjana FRN1472, mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2018. Ċekkijiet għandhom ikunu intestati lis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika).